# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 12 ta' Frar 2016**

**Numru 21**

**Appell numru 191/2015**

**Anna Maria Pace**

**v.**

**Suprintendent tas-Saħħa Pubblika**

Dan huwa appell ta' Anna Maria Pace ["l-appellanti"], magħmul taħt l-art. 102(6) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija ["Kap. 10"], minn deċiżjoni tas-6 ta' Mejju 2015 tal-Bord tas-Servizzi Ġenerali ["il-Bord"][1] li ċaħad talba tal-istess attriċi biex titħassar rakkomandazzjoni għal rifjut mill-awtorità sanitarja għal talba ta' ħruġ ta' permess għal *"re-alignment of chairs and sanctioning of variations"* f'*Fond Għadir Kiosk*, Triq it-Torri, tas-Sliema,

[1] Il-Bord tas-Servizzi Ġenerali kien imwaqqaf taħt l-artikolu *41* tal-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa ["Kap. 94"]. Il-Kap. 94 tħassar bl-art. 31 tal-Att dwar is-Saħħa ["Kap. 528"].

inkluż il-bdil ta' użu tal-*basement* sottopost il-kiosk għal kċina. Il-fatti relevanti seħħew hekk:

1. L-appellanti kienet ressqet talba quddiem l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għal *"re-alignment of chairs and sanctioning of variations"* inkluż il-bdil tal-użu tal-*basement* taħt il-*kiosk* minn *store* għal kċina. It-talba ġiet miċħuda fuq rakkomandazzjoni għal rifjut mill-awtorità sanitarja u l-attriċi appellat quddiem il-Bord. B'deċiżjoni tas-6 ta' Mejju 2015, li minnha sar dan l-appell, il-Bord iddeċieda hekk:

   > "The Board after considering the oral and written submission by all parties concerned refused the application because the premises lack natural ventilation in basement."

2. L-appellanti appellat minn din id-deċiżjoni b'rikors tat-2 ta' Ġunju 2015. L-aggravji huma: i. illi d-deċiżjoni tal-Bord hi nulla għax ma hijiex motivata; ii. l-interpretazzjoni ta' definizzjoni ta' dar taħt il-Kap.10 hija żbaljata; iii. id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 97(*e*) u 108(1) tal-Kap. 10 ma japplikawx għal *kiosk*; iv. il-liġi ma timponi ebda restrizzjoni dwar użu ta' *basements* bħala kċejjen; u v. l-awtorità sanitarja kienet ġià f'okkażjoni qabel approvat it-tibdil fl-użu tal-*basement* bħala kċina kif proposta .

3. Fl-ewwel aggravju tagħha l-appellanti tgħid illi d-deċiżjoni tal-Bord hi nulla għax ma hijiex motivata. Tkompli tgħid hekk:

"… … … fin-nullità tad-deċiżjoni appellata inkwantu l-Bord naqas milli jagħti raġunijiet li fuqhom ibbaża d-deċiżjoni tiegħu u, fuq kollox, mingħajr ebda konsiderazjoni li setgħu jirrigwardaw l-aggravji speċfiċi mressqa mill-appelanti.

"Illi dawn l-aggravji kienu fis-suċċint, jikkonsistu fis-segwenti:

> "i. illi l-kċina proposta qed tirċievi livell adegwat ta' dawl naturali u, fi kwalunkwe każ, skont ir-regolamenti viġenti *tal-food safety* maħruga mid-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali, wieħed jista jistrieh sija fuq *mechanical ventilation* u *artificial lighting* - liema aggravju ġie debitament sostnut sew b'rapport ċertifikat mill-Inġenjier Paul Vassallo *fil-Light and Ventilation Report* datat 14 ta' Mejju 2014, sew b'rapporti ulterjuri maħruga mill-istess Inġenjier fl-1 ta' Diċembru 2014 u fil-15 ta' Marżu 2015, u sew b'riferenza partikolari għall-estratti rilevanti minn dokument uffiċjali intitolat *"The Food Safety Legislation Explained"* maħrug *mid-Department of Environmental Health* ippubblikat fl-2007;
>
> "ii. illi l-awtorità sanitarja kienet oriġinarjament ġà approvat il-kċina kif proposta - liema aggravju ġie sostnut b'riferenza għal document anness mal-istess appell; u
>
> "iii illi l-liġi ma timponi ebda restrizzjoni in kwantu użu ta' *basements* bħala kċejjen - liema aggravju aħħari ġie sostnut b'riferenza għal decizjoni ċitata tat-Tribunal ta' Revizjoni ta' L-Ambjent u l-Ippjanar.

"Illi fid-deċiżjoni tiegħu, il-Bord wara li fil-qosor għamel riassunt qasir tas-sottomissjonijiet magħmula miż-żewġ partijiet waqt is-smigħ tal-appell, wasal għal konklużjoni tiegħu mingħajr ma jidher li kkunsidra l-aggravji kollha mressqa mill-appellanti. … … ...

"Illi hija l-umli fehma tal-esponenti, għalhekk, illi d-deċiżjoni tal-Bord hija nulla in kwantu tivvjola l-prinċipju regolatur in materja illi l-aggravji ta' sustanza li jimpinġu fuq il-mertu tal-kwistjoni għandhom jiġu debitament ikkunsidrati mill-Bord u tingħata deċiżjoni dwar kull aggravju, kemm sabiex il-ġudizzju finali jkun wieħed ċert u ċar u kif ukoll sabiex il-parti jkollha risposta għall-aggravji tagħha sew jekk din ir-risposta tkun fl-affirmattiv jew fin-negattiv. ... … … Fil-każ odjern ma jistgħax jingħad illi l-Bord ikkunsidra l-aggravji tal-appellanti f'forma raġjonata u diretta, billi d-deċiżjoni tkkontjeni biss riassunt qasir tal-argumenti verbali imressqa waqt is-seduta, mingħajr ma l-Bord indirizza l-aggravji speċifici tal-appellanti wieħed wieħed, liema nuqqas jirrendi l-ġudikat wieħed inċert u inkonklużiv."

4. Ma huwiex kontestat illi deċiżjonijiet li jolqtu l-pozizzjoni legali ta' persuni għandhom ikunu motivati, aktar u aktar għalkemm mhux biss meta, bħal fil-każ tallum, hemm dritt ta' appell, għax jekk ma jkunux magħrufa r-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni kif tista' l-persuna milquta bid-deċiżjoni tagħmel appell motivat minnha? Kull ma hu meħtieġ, iżda, biex deċiżjoni titqies motivata hu illi minnha toħroġ ir-raġuni li wasslet għal dik id-deċiżjoni; ma hijiex meħtieġa elaborazzjoni dettaljata jew verbożità eċċessiva meta dawn ma jżidu xejn mal-esposizzjoni konċiża u preċiża tar-raġuni għad-deċiżjoni.

5. Fil-fatt, fl-operat tiegħu l-Bord hu marbut ma' dak imsemmi fir-Regolamenti dwar il-Bord tas-Servizzi Ġenerali[2] li fir-regolament 5 jipprovdi li l-Bord għandu jirrispetta u japplika l-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba kif stabbilit fl-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

6. L-Artikolu 3 tal-Kap. 490 jipprovdi hekk:

> "(1) Fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku, it-tribunali amministrattivi kollha għandhom jirrispettaw u japplikaw il-prinċipji ta' mġieba amministrattiva tajba stabbiliti f'din it-Taqsima ta' dan l-Att.
>
> "(2) Il-prinċipji ta' mgieba amministrattiva tajba jinkludu dawn li ġejjin:
>
> "… … ...
>
> > "(*h*) s-sentenzi għandhom ikunu motivati. Tribunal amministrattiv għandu jagħti, b'mod biżżejjed ċar, il-motivi li fuqhom tkun mibnija d-deċiżjoni. Għalkemm ma jkunx meħtieġ

[2] L.S. 528.06

> li t-tribunal jiddisponi minn kull punt imqajjem bħala argument, sottomissjoni li tkun, li kieku din tiġi aċċettata, meħuda deċiżiva għar-riżultat tal-kawża, għandu jkollha risposta speċifika u espressa."

7. Quddiem il-Bord l-appellanti ressqet aggravju speċifiku li l-kċina proposta qiegħda tirċievi biżżejjed dawl naturali u, f'kull każ, taħt ir-regolamenti viġenti dwar *food safety,* tkun biżżejjed kemm *natural* u kif ukoll *mechanical ventilation.* Issemma' ukoll dokument uffiċjali intitolat "*The Food Safety Legislation Explained*" maħruġ mid-*Department of Environmental Health, Malta* fejn fil-paragrafu 5 ta' dan id-dokument jingħad illi:

> "5. There is to be suitable and sufficient means of natural or mechanical ventilation. Mechanical airflow from a contaminated area to a clean area is to be avoided. Ventilation systems are to be so constructed as to enable filters and other parts requiring cleaning or replacement to be readily accessible."

8. Għalkemm dan id-dokument għandu *disclaimer* importanti fl-introduzzjoni tiegħu li tgħid "*This document has no formal legal status*", dak dikjarat fid-dokument imsemmi, jiġifieri dwar il-ventilazzjoni mekkanika, għandu bażi legali kemm fil-Kap. 10[3] kif ukoll fl-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Kap. 449) u l-leġislazzjoni sussidjarja taħt dan l-istess Att[4].

9. Kif jidher minn dokument mehmuż mal-ittra tal-Bord tal-14 ta' Novembru 2014, l-awtorità sanitarja ma kenitx kuntrarja għal kunċett ta' ċirkolazzjoni mekkanika, sakemm ikun hemm

---
[3] Art. 99.
[4] Regolament dwar l-Iġjene tal-Ikel [L.S. 449.31].

*generator* li jagħmel tajjeb għal kwalsiasi qtugħ fis-servizz tad-dawl:

> "In case of electricity failure there is no other means of ventilation. I suggest that a generator of enough power to supply at least the ventilation required as stipulated in the ventilation, noise and emission report and also for the necessary artificial lighting be installed."[5]

Dan il-*generator* l-appellanti kienet disposta li tinstallah kif jidher mill-ittra tal-15 ta' Marzu 2015[6].

10. Il-Bord jidher li ma kkonsidrax dan l-aggravju tal-appellanti għax fid-deċiżjoni tiegħu qal biss li t-talba qiegħda tiġi miċħuda minħabba nuqqas ta' ventilazzjoni naturali fil-*basement* u ma ta ebda raġuni għala ma jqisx li ventilazzjoni mekkanika tkun biżżejjed, jekk inhu hekk, f'dan il-każ.

11. Għal din ir-raġuni d-deċiżjoni tal-Bord tas-6 ta' Mejju 2015 ma tiswiex minħabba nuqqas ta' motivazzjoni. Il-Qorti għalhekk tħassar id-deċiżjoni tal-Bord li minnha sar dan l-appell u tibgħat l-atti kollha lura quddiem il-Bord tas-Servizzi Ġenerali biex, wara li dan jimxi kif igħid u jrid l-Art. 3 tal-Kap. 490 u jqis il-każ mill-ġdid, jiddeċiedi b'motivazzjoni xierqa l-kwistjonijiet kollha li ġew imqiegħda quddiemu.

---

[5] Fol. 46.
[6] Fol. 29.

12. L-ispejjeż ta' dan l-appell iħallashom l-intimat Sovrintendent tas-Saħħa Pubblika.

Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef

Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef

Noel Cuschieri<br>Imħallef

Deputat Registratur<br>df